# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar it-30 ta' Mejju 2023**

**Talba nru. 261/2019**

**DAVID JOHN XUEREB**
**(KI 153883M)**

***VERSUS***

**HELENA MARIA DOS NEVES PEREIRA**
**(KI 0216058A)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba pprezentat fit-12 ta' Settembru 2019 l-attur ippremetta illi huwa kien biegh il-vettura Toyota Yaris lill-intimata fit-28 ta' Frar 2019 ghal prezz globali ta' Eur 2,700 li minnom l-intimata kienet hallset Eur 1350 izda qatt ma hallset il-bilanc ta' Eur 1350. Dan il-bilanc kellu jithallas sat-28 t' April 2019 skond skrittura privata izda baqa ma thallasx. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitlob il-hlas ta' Eur 1350 bhala bilanc fuq il-bejgh ta' din il-vettura flimkien ma' l-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatroju.

Ra illi l-intimata ressqet risposta datata 11 ta' Frar 2020 fejn fiha ecceppiet illi t-transazzjoni tal-bejgh tal-vettura kienet ibbazata fuq gideb minhabba illi r-rikorrenti kien informa lill-intimata illi l-*clutch* kien ghadu kemm inbidel u li l-vettura ma kellha bzonn xejn, izda l-vettura kellha bzonn bdil fil-brake pads u discs. L-intimata offriet li thallas il-bilanc izda tnaqqas l-ammonti relatati mal-bdil tal-break pads u discs.

Ra l-affidavits ta' David John Xuereb u Maria Stella Xuereb.

Ra d-dokumenti.

Sema x-xhieda tal-konvenuta kif ukoll il-kontro ezamijiet.

Ra l-atti processwali kollha.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel dan it-Tribunal jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli sabiex issir sintezi tal-provi migjuba quddiemu.

L-attur ipprezenta affidavit fejn jghid illi l-intimata kienet iddecidiet illi tixtri l-vettura Toyota Yaris minghandu ghal prezz ta' Eur 2700 u minn dan l-ammont kien thallas l-ammont ta' Eur 1350 u kien baqa bilanc ta' Eur 1350 li kellu jithallas sa mhux aktar tard mit-28 t' April 2019. Kienet saret skrittura (Fol.26) li kien jirrifletti dak li gie miftiehem bhala pagamenti.

Fl-affidavit tieghu, r-rikorrenti jghid illi "*l-vettura kienet tigi servissjata kull sena minghand l-agent ewlieni tat-Toyota, Michael Debono Ltd. Bl-ahhar service sar fl-20 t' April 2018 cioe anqas minn sena qabel id-data ta' l-akkwist tal-vettura. Hawn tajjeb ukoll inzid li jien soqt din il-vettura kemm il darba u qatt ma esperjenzajt xi problem la bil-cluth u lanqas bil-brakes, sahansitra b' uliedi rekbin fuq wara, haga li zgur ma kontx ser naghmel kemm-il darba kont konxju li l-karozza kellha xi problem kif qed jigi allegat.*"

L-attur ighid illi wara ghaxart ijiem li l-intimata kienet hadet il-vettura, kienet avvicinatu u qaltlu li ma kienetx kuntenta bil-karozza minhabba hsarat fil-cluth. Isostni l-attur illi kieku veru kien hemm problema bil-cluth, l-intimata kienet tinfurmah mill-ewwel u mhux thalli ghaxart ijiem u ghalhekk ihoss illi din il-problema tal-cluth hija iktar minhabba "*sewqan inadegwat jew fatturi ohra*." Minhabba dawn ic-cirkostanzi, l-attur kien offra lill-intimata li jaghtiha l-flus lura u jerga jiehu l-vettura lura izda l-intimata m'accettatx.

Permezz ta' affidavit xehedet Maria Stella Xuereb li tigi mart l-attur li kkonfermat il-mod kif sar il-bejgh u kif kellom isiru l-pagamenti.

L-attur ipprezenta kopji ta' l-ittra ufficcjali, ittra minn Transport Malta in segwitu tal-mandat ta' sekwestru, mandat ta' sekwestru numru 1706/19, il-ftehim tal-bejgh tal-vettura u rapport tal-Pulizija.

Fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2021, xehed l-attur in kontro ezami, fejn jghid illi huwa ma kienx l-ewwel sid ta' din il-vettura ghaliex din il-vettura kienet giet minn barra minn Malta. Din il-vettura kienet tigi uzata kemm mill-attur kif ukoll mill-mara tieghu u dan ghaliex "*din kienet tintuza hafna specjalment ta' distanzi qosra peress li ma kinitx tahli hafna fuel konna nuzawha ta' spiss*." Ix-xhud jghid illi qatt ma kellu problemi bil-cluth tal-vettura qabel ma nbieghet. Ix-xhud jghid illi minkejja li ta l-opportunita

lill-konvenuta sabiex tipprova l-vettura, kienet hi li ghazlet li ma ssuqiex qabel inxtrat. Din il-vettura kienet ilha sitt xhur ghand l-attur qabel iddecieda li jbiegha lill-konvenuta.

Maria Stella Xuereb in kontro ezami tghid illi ma kienetx prezenti waqt il-process tal-bejgh izda kienet tigi infurmata minn zewgha. Tghid illi minghand min kienu xtraw il-vettura kien infurmahom illi kien biddel il-cluth ftit taz-zmien qabel.

Fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2021 xehedet ukoll il-konvenuta bil-lingwa Ingliza fejn qalet li hija kienet tghix ma bintha u li kellha bzonn vettura biex twassal lil bintha. L-attur, li kien jahdem mal-konvenuta kien qallha li kellu vettura u hargu jarawha, "*I went outside with him and he said to me that the car is in good condition. It's just got cosmetic stuff that needs a bit of fixing, he says, but that's all; otherwise the car is good.*" Tkompli tghid ukoll li kien saqha hu biss il-vettura minhabba "*I was not insured, and I had to be insured if I wanted to drive the car. So I couldn't test drive the car*" (Fol.81).

Il-konvenuta tghid li wara li l-attur qallha li ma setghetx issuq il-vettura minhabba li ma kienetx assikurata, l-konvenuta bezghet u ma saqietx il-vettura. Sussegwentament kienu ftehmu fuq il-prezz u l-konvenuta hallset Eur 1350 f'cash u baqghu sejrin ghand l-insurance sabiex il-vettura tinqaleb fuq isem il-konvenuta. Fil-fatt il-konvenuta saqet hi lura d-dar. Izda wara li fil-weekend ma kienetx saqet il-vettura, meta giet biex tiehu lil bintha l-iskola, l-konvenuta tghid li, "*I was coming back from work that road that goes pass the cemetery that was very high because a bit of a hill the car started missing the cluth, and the more it was a lot of traffic and in the more I tried to go I had no clutch*." Il-konvenuta tghid illi ma setghetx iddahhal il-gears u kellha tieqaf fil-genb tat-triq. L-ghada kienet infurmat lill-attur li kellha problem fil-cluth u kien irrispondiha li dan ma setax ikun ghaliex dak kien inbidel. Meta l-intimata talbet lill-attur jaghtiha xi forma ta' dokument li dan kien inbidel sabiex tkun tista tara l-affarijiet taghha, irrizultha li l-cluth kien inbidel erbgha snin qabel.

Minhabba din il-hsara, l-konvenuta kienet gabet quote ghat-tibdil tal-cluth u tal-brakes u issuggerit lill-attur sabiex thallus l-bilanc nieqes l-ammont li kellha thallas sabiex taghmel ir-riparazzjonijiet mehtiega.

Il-konvenuta ipprezentat chats ma' l-attur kif ukoll skambju ta' emails ma' rapprezentanti ta' Toyota Malta fejn fost l-ohrajn a fol. 86 insibu li "*the fault in the car was diagnosed as cluth faulty and needs replacement.*" Il-quote moghtija ghar-riparazzjonijiet li kien hemm bzonn kienu jammontaw ghal Eur 632.03 ghal cluth u Eur 299.39 ghal breaks., (Fol.90)

James Aquilina, rapprezentant ta' Toyota Malta xehed fil-11 t'Ottubru 2021 li jghid illi fit-18 t'April 2019 il-vettura kienet ibbukkjata sabiex jigi iccekkjat il-clutch u darb ohra ghal vehicle health check. Ix-xhud jghid illi qabel dan l-appuntament kienet saret walk in inspection li minnha hareg li kien hemm bzonn jinbidlu il-break pads bid-discs b'kollox. Il-breaks kellhom jinbidlu ghaliex kien normali illi vettura b'ammont ta' mili jkollha dan il-bzonn minhabba wear and tear. L-istess jinghad rigward il-cluth li dan maz-zmien jittiekel u jkollu bzonn jinbidel. Ix-xhud ighid ukoll illi huma hargu stima izda l-vettura qatt ma dahlet biex isirulha r-riparazzjonijiet.

Fit-18 ta' Jannar 2022 xehdet in kontro ezami fejn tghid illi l-breaks kienu gew riparati izda l-cluth le – "*I will explain why I repaired the brakes ad why I didn't repair the clutch. I had no money to repair the clutch, I could not repair the clutch*." (Fol.113)Il-konvenuta tghid illi minhabba l-problema fil-clutch hija m'ghamlitx

uzu tal-vettura. Hija ma ghaddietx l-ammonti li irceviet bhala stima biex taghmel ir-riparazzjonijiet lill-attur izda tghid illi kien ircevihom minghand Toyota. Meta mistoqsija ghalfejn il-vettura baqghet tintuza minkejja li l-cluth ma kienx gie imsewwi l-konvenuta tghid, *"The vehicle was parked. It was unlicensed,. It was first parked in Marsascala and then I moved it because it kept getting fines. So I moved it to Swieqi*." Ix-xhud tghid illi f'Malta ma kienux accettawlha l-licenzja ta' South Africa u ghaldaqstant ma setghetx thallas il-licenzja tal-vettura. Kien hemm drabi fejn il-vettura kienet ipparkjata il-Belt Valletta wkoll.

Fit-23 ta' Gunju 2022 kompla jixhed James Aquilina li rega ipprezenta quotes ta' kemm jigu jiswew it-tiswijiet fil-breaks u fil-cluth.

Ikkunsidra

Illi t-talba attrici hija msejjsa fuq il-fatt illi inbieghet vettura lill-konvenuta u nofs il-prezz miftiehem ghal dan il-bejgh u cioe ta' Eur 1350 ghadu dovut minkejja l-ftehim li kien hemm sabiex dan jithallas. Min-naha taghha l-konvenuta targumenta illi ftit jiem wara hadet pussess tal-vettura hija kellha tieqaf milli ssuqha minhabba hsejjes u dak li rrizulta li kien hsara fil-clutch. Il-konvenuta lesta li thallas il-bilanc dovut izda tnaqqas minnu l-ammonti li jirraprezentaw it-tiswijiet li ghandha bzonn il-vettura.

Illi li l-bilanc ta' Eur 1350 huwa dovut fuq il-bejgh tal-vettura ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet. Il-konvenuta thoss izda li l-attur qarraq biha meta qallha li l-cluth kien inbidel u hija sabet li kellha tonfoq flejjes biex tirranga dan l-istess clutch.

Illi Fix-xhieda tar-rapprezentant ta' Michael Debono Ltd dan jaghmilha cara illi meta l-vettura ttiehdet biex tigi iccekkjata, instab illi l-clutch kien wasal biex jinbidel u sahansitra kien hemm bzonn tibdil anke tal-breaks. Fl-istess xhieda x-xhud jghid illi dawn it-tiswijiet huma r-rizultat ta' 'wear and tear' u li jirriultaw bit-trapass taz-zmien.

Illi meta l-konvenuta affaccjat lill-attur bil-problema li allegatament sabet fil-vettura, l-attur kien pront offrilha soluzzjoni u cioe illi jaghtiha l-ammont ga mhallas ta' Eur 1350 lura u jerga jiehu l-vettura lura. Din il-proposta ma gietx accettata mill-konvenuta ghaliex riedet izzomm il-vettura.

Illi t-Tribunal isib diffikulta jemmen it-teorija tal-konvenuta meta tghid illi tant ma setghetx issuq il-vettura illi kellha thalliha fil-genb tat-triq. Izda meta mistoqsija kif il-vettura kienet tidher f'postijiet ohra, hija wiegbet illi saqitha l-Belt u Swieqi sabiex ma tibqax tinkorri multi. Dan ifisser illi l-vettura kienet f'pozizzjoni li tinstaq.

Illi kien fir-responsabbilta tal-konvenuta illi qabel tixtri l-vettura taghmel l-ispezzjonijiet u l-verifiki necessarji sabiex tara illi dak li kienet qed tixtri 'tale quale' kien verament jiffunzjona. Il-fatt li l-attur ma hallijiex issuqha mhux skuza gustifikata ghaliex setghet facilment tirrikorri ghal mezzi ohra sabiex tispezzjona l-vettura.

Illi sa llum jidher illi l-ebda tiswijiet ma saru fil-vettura ghaliex dan it-Tribunal lanqas ghandu l-konvinzjoni morali li l-breaks gew imsewwija stante illi l-ircevuta pprezentata hija ta' tiswijiet differenti (air condition).

Illi ma jistax jigi injorat il-fatt illi l-partijiet ftehmu fuq dan il-bejgh tal-vettura u l-bilanc kien miftiehem li jithallas sa mhux aktar tard min April 2019.  Dan it-Tribunal huwa konvint illi l-bilanc dovut ghall-bejgh tal-vettura li sa llum ghadha fil-pussess tal-konvenuta ghandu jithallas fl-intier tieghu.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici u jikkundana lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elf tlett mija u hamsin Ewro (Eur 1350) bl-imghax ta' 8% li jibda jiddekorri mit-12 ta' Settembru 2019 u jibqa ghaddej sad-data tal-hlas effettivi u finali.  L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallasu fl-intier taghhom mill-konvenuta.

**Avv. Duncan Borg Myatt**

Gudikatur